*Il-Kariga ta' Sindku*
Elezzjoni ta'
Sindku u ta' Viċi
Sindku.
*Emendat:*
*XXI.1999.12.*
*Sostitwit:*
*I. 2005.10.*
*Emendat:*
*XVI. 2009.16.*

**25.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 29, filkariga ta' Sindku ta' xi Kunsill Lokali għandu joqgħod dak il-Kunsillier elett li fl-aħħar elezzjoni lokali ta' dik il-lokalità jkun kiseb l-ogħla għadd ta' voti mal-ewwel għadd minn fost ilkandidati tal-partit politiku li f'dawk l-elezzjonijiet ikun kiseb ilmaġġoranza assoluta ta' Kunsillieri ta' dak il-Kunsill. Dak il-Kunsillier jieħu l-kariga ta' Sindku fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill wara dik l-elezzjoni lokali. Jekk jiġri li għal xi raġuni dak il-Kunsillier jirrifjuta milli jokkupa l-kariga ta' Sindku, ikun il-Kunsillier li jkun ġab it-tieni l-ogħla għadd ta' voti minn fost dak il-partit politiku hawn qabel imsemmi li jieħu l-kariga, u hekk sussegwentement, sakemm xi ħadd jieħu l-kariga ta' Sindku:
Iżda f'każ illi s-Sindku jispiċċa mill-kariga matul itterminu tal-Kunsill, il-post ta' Sindku għandu jimtela' minn dik ilpersuna tal-istess partit li tkun ġabet l-akbar ammont ta' voti flewwel għadd wara s-Sindku li jkun qed jispiċċa mill-kariga:
Iżda f'każ li l-liġi ma tkunx tipprovdi xort'oħra, is-Sindku jintgħażel minn fost il-Kunsillieri.
(1A) F'każ illi żewġ persuni li jkunu ġew eletti t-tnejn fl-ewwel għadd iġibu l-istess ammont ta' voti fost il-Kunsillieri ta' dak ilpartit li jkollu l-maġġoranza ta' Kunsillieri, għandha tinħatar bħala Sindku dik il-persuna li jkollha l-aktar esperjenza bħala kunsillier u li għalhekk tkun ilha sservi għall-akbar numru ta' snin fost it-tnejn fil-Kunsill:
Iżda fil-każ li żewġ Kunsillieri jkollhom l-istess ammont ta' servizz fil-kariga, il-kariga ta' Sindku għandha timtela mill-Kunsillier l-aktar anzjan fl-età:
Iżda wkoll f'każ li jġibu l-istess ammont ta' voti iżda ma

jkunux eletti fl-ewwel għadd jiġi maħtur bħala Sindku dak li jiġi elett l-ewwel.

(2) (*a*) Fil-kariga ta' Viċi Sindku joqgħod dak il-Kunsillier elett mill-partit politiku msemmi fis-subartikolu preċedenti li, taħt il-kondizzjonijiet u skont iddisposizzjonijiet ta' dak is-subartikolu, ikun kiseb, m i n b a r r a s - S i n d k u , l - o g ħ l a g ħ a d d t a ' v o t i f l - elezzjonijiet lokali u d-disposizzjonijiet ta' dak issubartikolu għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għall-elezzjoni ta' Viċi Sindku.

(*b*) Fil-każ li l-post ta' Viċi Sindku jiġi vakat, għandu jiġi maħtur bħala Viċi Sindku dak il-Kunsillier tal-partit li jkollu l-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri fil-Kunsill Lokali li jkun ġab l-akbar ammont ta' voti (l-ewwel preferenza) wara dak il-Kunsillier li kien qed jokkupa l-kariga ta' Viċi Sindku.

(3) Meta ebda partit politiku ma jikseb maġġoranza assoluta ta' siġġijiet f'dak il-Kunsill jew meta, għal liema raġuni tkun, il-kariga ta' Sindku jew ta' Viċi Sindku ma tiġix okkupata bis-saħħa taddisposizzjonijiet tas-subartikoli preċedenti ta' dan l-artikolu, il-Kunsill għandu, fl-ewwel laqgħa tiegħu, u wara li l-Kunsilliera jkunu ħadu l-ġurament tal-kariga, jgħaddi għall-elezzjoni tas-Sindku u sussegwentement tal-Viċi Sindku minn fost il-membri tiegħu skont ma hemm fis-Seba' Skeda.

(4) L-ewwel laqgħa ta' kull Kunsill għandha tissejjaħ mill-Kunsillier l-aktar anzjan (jew inkella jekk huwa jirrifjuta, mill-Kunsillier l-aktar anzjan li jmiss u hekk sussegwentement) u dik illaqgħa ma għandhiex issir aktar tard minn ġimgħa minn l-ewwel jum meta l-Kunsillieri jistgħu jidħlu fil-kariga skont l-artikolu 14. L-aġenda għal din l-ewwel laqgħa għandha titħejja mis-Segretarju Eżekuttiv u għandha tiġi pubblikata mhux iżjed tard minn erbat ijiem tax-xogħol qabel id-data appuntata għal dik il-laqgħa.

(5) Sa mhux aktar tard mit-tielet laqgħa wara l-elezzjoni tal-Kunsill, kull Kunsillier għandu jiġi assenjat qasam speċifiku li huwa għandu jsegwi u jirraporta dwaru fil-Kunsill Lokali. Dak il-Kunsillier jista' wkoll jifforma kumitat, li huwa għandu jippresjedi, sabiex jaħdem f'dak il-qasam. F'dak il-każ il-membri ta' dak ilkumitat għandhom jiġu approvati mill-Kunsill qabel ma dawk ilmembri jibdew bil-ħidma tagħhom. Dan il-punt għandu jidħol flordni tax-xogħol għal-laqgħat kif speċifikat hawn aktar qabel.